MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 694/2004 LM

**Il-Perit Philip u Louisa konjuġi Grech**
**(K.I. numri 414381M u 167456M) rispettivament**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Emanuel u Maria Dolores sive Doris konjuġi Pisani (K.I. numri 48955M u 746256M) rispettivament u Christian u Maria konjuġi Pisani**
**(K.I. numri 187165M u 405065M) rispettivament**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi **l-Perit Philip u Louisa konjuġi Grech (K.I. numri 414381M** u **167456M rispettivament)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tas-26 ta' Mejju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-

sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti **Emanuel u Maria Dolores sive Doris konjuġi Pisani (K.I. numri 48955M u 746256M) rispettivament u Christian u Maria konjuġi Pisani (K.I. numri 187165M u 405065M) rispettivament**, u laqgħet limitatament it-talba tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef, tliet mija u żewġ Euro u sbatax-il ċenteżmu (€6,302.17), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Fatti**

2. Permezz tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, l-atturi talbu illi l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu u jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tliet elef, ħames mija u sitta u sebgħin Liri Maltin (LM3,576), imħallsa mill-atturi lil Pierre George u Anna konjuġi Grech, u dan in kwantu għal LM2,980 rappreżentanti ammont żejjed lilhom imħallas mill-imsemmija Pierre George u Anna konjuġi Grech għal xogħol minnhom eżegwit bħala kuntratturi fuq inkarigu tal-istess konjuġi Grech fil-fond 'El Shaddai', Birkirkara Road, Ħ'Attard, u in kwantu għal ħames mija u sitta u disgħin Lira Maltin (LM596) imgħax fuq l-istess ammont, liema ħlas sar mill-atturi lill-konjuġi Grech wara azzjoni ġudizzjarja mibdija mill-konjuġi Grech kontra l-atturi, bl-imgħax legali mill-15 ta' Diċembru, 2004.

**Mertu**

3. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata kopja ta' skrittura li ffirmaw bejniethom Pierre George Grech u martu Anna min-naħa waħda u l-Perit Philip

Grech u martu Louisa min-naħa l-oħra. F'din l-iskrittura l-partijiet inpremettew li fil-11 ta' Frar, 2003, Pierre George u martu Anna Grech bħala atturi kienu ppreżentaw ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Perit Philip u martu Louisa Grech, kif ukoll kontra Emanuel u Maria Dolores sive Doris Pisani u Christian u Maria Pisani bħala konvenuti f'dik il-kawża, fejn l-atturi spjegaw li huma kienu inkarigaw lill-konvenuti, jiġifieri lill-Perit Philip Grech bħala perit u inġinier ċivili biex ikun responsabbli professjonalment għall-bini ta' *detached villa* fuq tliet sulari, li kellha tinbena fuq Plot A, Birkirkara Road, Ħ'Attard, li llum ingħatat l-isem 'El Shaddai'. L-atturi qabbdu lil Emanuel u lil Christian Pisani sabiex jagħmlu dan ix-xogħol, li kellhom jaħdmu taħt id-direzzjoni tal-Perit Philip Grech, u skont il-pjanti u d-disinji mħejjija minnu. Il-konvenuti, jiġifieri l-kuntratturi Pisani u l-Perit Grech, kellhom jibnu l-villa għall-atturi skont il-permessi approvati. L-atturi spjegaw li huma ġibdu diversi drabi l-attenzjoni tal-Perit Grech għall-fatt li l-*basement* kien inbena bit-travi u mhux bil-planki kif solitament isir, u dan bi spejjeż akbar u b'aktar xogħol għall-atturi. Il-Perit Grech wieġeb li x-xogħol minnu interkors huwa dak li solitament kien isir f'binja ta' dan it-tip. L-atturi sostnew li l-Perit Grech għamel *overdesign* għall-kostruzzjoni li kellha tinbena fuq il-plot imsemmija, u għalhekk l-atturi ħallsu żejjed is-somma ta' LM5,909.37ċ, oltre l-imgħax legali mill-15 ta' Lulju, 2001. Kien għalhekk li l-atturi interpellaw lill-Perit Grech sabiex jersaq għar-rifużjoni tal-imsemmija somma, kif ukoll għall-ħlas tad-danni sofferti minnhom. L-atturi spjegaw ukoll li wara tliet xhur minn meta tlestiet il-kostruzzjoni tal-ewwel sular, huma indunaw li wieħed mit-travi fl-ewwel sular kien qasir u ma jiflaħx il-piż li kellu jġorr fuqu, tant hu hekk li ħarġu konsenturi u kellha tittieħed azzjoni rimedjali immedjata fuqu. Qalu li huma sofrew danni minħabba xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa

u l-arti, u għalhekk il-konvenuti ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi konjuġi Grech fil-proprjetà tagħhom. L-atturi spjegaw li l-Perit Philip Grech u martu ċaħdu dawn it-talbiet tagħhom f'nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata minnhom. L-atturi żiedu jgħidu wkoll li biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom, huma kisbu Mandat ta' Sekwestru (249/03) kontra l-konvenuti Perit Philip Grech u martu. Il-konvenuti Grech ikkontestaw din il-pretensjoni u b'Ċedola ta' Depożitu ddepożitaw garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għal din il-pretensjni u kisbu l-kontro-mandat opportun. Il-Perit Grech u martu għamlu verifiki, u rriżultalhom li kien sar ħlas żejjed mill-konjuġi Grech lill-kuntratturi, riżultanti mill-kejl magħmul mill-istess Perit Grech, u għalhekk insistew mal-konvenuti l-oħra Emanuel u Maria Dolores Pisani u Christian u Maria Pisani, sabiex jaslu fi ftehim u jirrifondu l-ammont imħallas żejjed lilhom mill-konjuġi Grech, iżda dawn baqgħu inadempjenti u ma urew l-ebda interess. Il-Perit Grech u martu waslu fi ftehim dwar il-ħlasijiet żejda li saru lill-kuntratturi, fis-sens li aċċettaw li huma għandhom iħallsu lill-konjuġi Grech is-somma ta' LM3,850 għas-saldu u sodisfazzjon totali ta' kull pretensjoni li huma għandhom dwar ħlas żejjed lill-kuntratturi, drittijiet professjonali lill-Perit Philip Grech, u VAT; issurrogaw lill-Perit Grech u martu fid-drittijiet kollha li huma għandhom jew li jista' jkollhom kontra l-kuntratturi dwar il-ħlas żejjed magħmul lill-istess kuntratturi; u qablu li l-atturi għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom sabiex il-Perit Grech u martu jirtiraw u jiżbankaw il-garanzija bankarja depożitata biċ-ċedola;  qablu wkoll li l-atturi għandhom iċedu u jirtiraw it-talba tagħhom kontra l-Perit Grech u martu dwar il-ħlasijiet żejda u danni konsegwenzjali kif jirriżultaw mill-ewwel tliet talbiet taċ-ċitazzjoni, filwaqt li

żammew fermi u impreġudikati t-talbiet fir-rigward tal-*overdesign* u kontra l-konvenuti kollha msemmija fiċ-ċitazzjoni.

4. Il-konvenuti Pisani eċċepew li huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-atturi f'dawn il-proċeduri ġew azzjonati bħala debituri mill-konjuġi Pierre George u Anna konjuġi Grech għall-ħlas lura tal-ammont li qed jingħad li tħallas żejjed, u għalhekk ma setax ikun il-każ li l-atturi bħala debituri issa jiġu 'surrogati' fid-drittijiet ta' ħaddieħor meta *ex admissis* ġew konsidrati li huma debituri tal-konjuġi Pierre George u Anna Grech. Qalu li dan mhux il-każ li terz effettwa pagament b'surroga kif tikkontempla l-liġi. Il-konvenuti eċċepew ukoll li l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, u li huma tħallsu għax-xogħol kollu minnhom esegwit, salva l-pretensjoni tagħhom fil-konfront tal-konjuġi Pierre George u Anna konjuġi Grech.

5. Il-konvenuti ppreżentaw kopja tal-ftehim tat-8 ta' Novembru, 1999 bejn Pierre u Anna Grech u Emanuel u Christian Pisani, li permezz tiegħu dawn tal-aħħar ġew inkarigati jeżegwixxu xogħol ta' bini fuq il-Plot A, Triq Birkirkara, Ħ'Attard; kopja ta' ittra tat-12 ta' Ġunju, 2002 miktubha mill-Perit Philip Grech lill-MEPA, li permezz tagħha huwa rrinunzja għall-inkarigu tiegħu bħala perit responsabbli mix-xogħol ta' bini fuq il-plot imsemmija; kopja tal-formula sottomessa mill-Perit Philip Grech sabiex javża li l-Perit Philip Azzopardi kien ser jidħol responsabbli minfloku għax-xogħol fuq il-*plot* imsemmija; u kopja tal-*measurement of works* u *comparative analysis between bill of Philip Grech and bill of Philip Azzopardi,* maħruġin t-tnejn mill-Perit Philip Azzopardi.

6. Il-**Perit Philip Grech** xehed quddiem l-Ewwel Qorti li u kien ġie inkarigat mill-konjuġi Pierre George u Anna Grech sabiex jagħmlilhom xi xogħol fi proprjetà f'Birkirkara Road, Ħ'Attard, u huwa kien inkariga lill-konvenuti Emanuel u Christian Pisani sabiex jesegwixxu xogħol ta' bini. Qal li huwa fetaħ il-proċeduri odjerni abbażi ta' skrittura ta' transazzjoni li ġiet esebita minnu. Qal li f'Diċembru 2002, kien mar għandu l-klijent Pierre Grech li kien ħadlu xi dokumenti maħruġa mill-Perit Philip Azzopardi, u kien qallu li kien hemm xi differenzi fir-rati tax-xogħol. Qal li d-differenzi kienu minħabba diskrepanzi fil-kejl. Qal li sussegwentement kien hemm diskussjonijiet, għaliex kien hemm diskrepanza bejn l-istima tiegħu u dik tal-Perit Azzopardi. Ix-xhud qal li wara dawn id-diskussjonijiet, kien intlaħaq ftehim ma' Pierre Grech u martu Anna. Il-Perit Philip Grech xehed ukoll permezz ta' *affidavit,* fejn qal li huwa kien ġie nkarigat minn Pierre Grech u martu Anna sabiex jagħmel pjanti u jissorvelja x-xogħlijiet għall-bini ta' *villa detached* ġewwa Ħ'Attard. Qal li huwa rrakkomanda li x-xogħol isir mill-bennejja Christian u Manuel Pisani, u bejn il-konjuġi Grech u l-konvenuti kien sar ftehim bil-miktub fuq ir-rati tax-xogħol, li kellhom jitkejlu minnu. Qal li wara li nkisbu l-permessi tal-bini, inbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni. Tlestew il-*basement* u l-*ground floor,* u kellu jinbena l-ewwel sular biex jingħalaq il-post. Qal li sar kejl meta tlesta l-*basement,* u kejl ieħor meta tlesta l-*ground floor,* u l-kejl sar minnu flimkien mal-bennejja, sabiex inħarġu żewġ kontijiet, wieħed għall-*basement* u ieħor għall- *ground floor.* Qal li l-konjuġi Grech ħallsu ż-żewġ kontijiet direttament lill-konvenuti Pisani, u wara li sar dan il-ħlas, il-konjuġi Grech kellhom riservi dwar l-ammont totali tal-kontijiet, għalkemm żied jgħid li sakemm huwa kien għadu l-perit inkarigat mill-proġett, dawn qatt ma indikawlu li kellhom problema. Qal li meta kien jitkellem ma' Pierre Grech dan

kien jindikalu li kien jitkellem ma’ diversi persuni dwar dan il-proġett, iżda x-xogħol baqa’ għaddej taħt is-sorveljanza tiegħu bħala perit u esegwit mill-kuntratturi mqabbda minnu. Qal li wara li sar it-tieni kejl rigward il-*first floor*, u ħareġ il-kont relattiv, il-konjuġi Grech waqqfu x-xogħlijiet. Żied jgħid li ġew miftiehma żidiet fir-rati tax-xogħol minħabba żieda fil-prezz ta’ ċertu materjal, u anki għaliex fil-frattemp laħqu inħarġu xi permessi b’emendi mitluba mill-klijent. Qal li x-xogħolijiet ma kienux tkomplew mill-konvenuti, u l-familja Grech bdiet tgħix fil-*basement.* Ix-xhud qal li wara xi żmien bagħat għalih Pierre Grech u urieh xi xquq fis-saqaf tal-*basement* li kien ilmenta miegħu dwarhom. Qal li fil-fehma tiegħu dawn ix-xquq ma kinux problema, iżda Grech baqa’ jinsisti b’tali mod li x-xhud fehem li dan kien ħa parir professjonali mingħand terzi, u għalhekk kien kiser il-fiduċja u l-ftehim ta’ bejniethom. Il-Perit Grech qal li huwa kien informa lill-MEPA li ma kienx għadu l-perit tal-konjuġi Grech, u qal li xi żmien wara Grech mar għandu b’xi kontijiet maħduma mill-Perit Philip Azzopardi, li kien assuma l-inkarigu minfloku, b’differenzi bejn il-kont li ċċertifika l-Perit Azzopardi u l-kont li ċċertifika x-xhud. Qal li l-kejl li għamel il-Perit Azzopardi u li fuqu ħareġ il-kontijiet ma sarx fil-preżenza tiegħu, u dan kien jinkludi tnaqqis minħabba *overdesign,* u tnaqqis għal xogħlijiet oħra li fil-fehma tal-Perit Azzopardi kellhom isiru għaliex kellu jsir travu fil-bini. Qal li eventwalment il-klijent fetaħ proċeduri kontra tiegħu u kontra l-konvenuti sabiex jirkupra dawk l-ispejjeż żejda. Qal li f’Mejju tal-2003, meta nfetħet il-kawża kontra tiegħu, huwa intebaħ waħdu fejn kien hemm żball fil-kont tal-*basement* tal-konjuġi Grech, għaliex huwa kien applika rata żbaljata rigward il-ħitan, u allura ġew magħduda darbtejn. Qal li kif induna b’dan l-iżball, huwa mar ikellem lil Christian Pisani, wieħed mill-konvenuti, fid-dar tiegħu Ħad-Dingli, u

infurmah kemm kien l-ammont li kellu jrodd lura lill-konjuġi Grech. Qal li dan infurmah li kien ser jikkonsulta ma' Emanuel Pisani, u jkellmu lura. Ix-xhud qal li meta huwa tkellem ma' Emanuel Pisani, dan qallu li hu u Christian Pisani ma kinux qablu li kellhom iħallsu d-differenza tal-ħlas żejjed. Ix-xhud kompla jgħid li huwa ltaqa' ma' Pierre Grech flimkien mal-Perit Azzopardi, u wara trattattivi, ftehmu bejniethom dwar l-ammonti żejda li kienu tħallsu lill-konvenuti, fir-rigward tal-ħitan, li ngħaddu darbtejn, it-taxxi, u l-ħlas tas-servizzi professjonali tal-Perit Azzopardi. Qal li l-ftehim mal-konjuġi Grech sar bil-miktub, u li kien hemm ħafna *claims* tal-Perit Azzopardi li ma ġewx aċċettati minnu, bħal kejl ieħor minuri u l-kwistjoni tal-*overdesign* u tat-travu. Qal li l-elementi li ftiehmu dwarhom il-partijiet, tneħħew mill-kawża li l-konjuġi Grech fetħu kontra tiegħu u ta' martu, u hu kien ħallas lil-konjuġi Grech is-somma ta' LM3,850 ekwivalenti għal €8,968.09. Kompla jgħid li wara li għamel diversi tentattivi, anki permezz tal-avukat tiegħu sabiex jikkonvinċi lill-konvenuti jirrifondu lill-konjuġi Grech, u wara li kien iffirma l-iskrittura ta' transazzjoni mal-konjuġi Grech, huwa fetaħ il-kawża odjerna kontra l-konvenuti għaliex ma kellux mod ieħor kif jirkupra l-ispejjeż li kien għamel meta ħallas lill-konjuġi Grech. L-attur kompla jgħid li fil-kawża li fetħu l-konjuġi Grech, il-Qorti inkarigat lill-Perit Godwin Abela sabiex jisma' l-provi u jirrelata dwar dak li qegħdin jitolbu l-konjuġi Grech. Il-Perit Abela irrelata li ma kienx hemm *overdesign,* u lanqas ma kien hemm xogħol li ma sarx kif suppost, għalkemm ikkonkluda li kien hemm xi kejl żejjed.

7. Il-Perit Philip Grech reġa' xehed quddiem l-Ewwel Qorti f'udjenza sussegwenti, fejn spjega d-diskrepanzi fil-ħlasijiet. Qal li l-Perit Godwin Abela ma nkludiex madwar LM300 li tħallsu f'VAT, il-*fees* li huwa ħallas lill-Perit

Azzopardi sabiex dan eżamina l-kontijiet, l-imgħaxijiet li huwa kien ħallas lil Pierre George Grech, u r-rifużjoni li huwa għamel wara l-ħlas żejjed li sar. Qal ukoll li l-Perit Godwin Abela qabeż kejl ta' parti mill-pedament tal-*basement,* li l-ħlas għalih jammonta għal madwar LM460. Din id-diskrepanza l-Perit Philip Grech spjegaha fid-dettall f'*affidavit* ippreżentat minnu, fejn qal li l-Perit Abela eskluda 15% VAT (€707.55 fuq €4,716.98) u €4.04 (fuq €26.93), għal total ta' €711.59; is-somma ta' €1,075.31 għall-ħitan tal-*basement* ta' taħt il-livell tal-qatran; 5% imgħaxijiet għal erba' snin fuq is-somma ta' €1,402.19 li huwa kellu jħallas lill-konjuġi Grech wara t-transazzjoni li saret bejn il-partijiet; €563.71 li nkorrew il-konjuġi Grech sabiex ħallsu lill-Perit Azzopardi inkarigat minnhom u d-dritt professjonali ta' €69.42 li nkorrew il-konjuġi Grech sabiex jitħallas hu, bħala perit inkarigat mill-proġett, u li hu kellu jirrifondi wkoll bħala parti mit-transazzjoni li ntlaħqet mal-konjuġi Grech.

8. L-Ewwel Qorti kellha semgħet ukoll ix-xhieda tal-**Perit Godwin Abela,** li xehed li huwa ġie nominat bħala Espert Tekniku fil-kawża fl-ismijiet **Pierre George Grech et *vs.* Perit Philip Grech et (146/03JR)**, u ppreżenta kopja tar-relazzjoni li tħejjiet minnu f'dik il-kawża. Ix-xhud qal li huwa kien stabbilixxa li kien hemm żewġ *items* partikolari li tniżżlu darbtejn, li jammontaw għal LM2,036.56 u għal LM316.07, u li kien hemm kejl doppju f'ammont totali ta' LM2,352.63.

9. Xhud ieħor li ddepona quddiem l-Ewwel Qorti kien **Emanuel Pisani**, li qal li huwa kien ġie inkarigat mill-Perit Philip Grech. Qal li huwa ħadem fuq il-*basement* u fuq l-ewwel sular, sakemm twaqqaf mix-xogħol. Qal li qabel inbdew il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla, kienet saret laqgħa għand il-Perit Grech

għaliex sid il-villa kien qal li kien hemm xi diżgwid fuq il-ħadid. Wara s-sid allega li kien hemm żbalji fil-kontijiet, xi ħaġa li fil-fehma tax-xhud ma setgħetx tkun.

10. Sussegwentement ix-xhud ippreżenta *affidavit* fejn spjega li hu u Christian Pisani ġew inkarigati sabiex jeżegwixxu xogħol ta' kostruzzjoni fuq struzzjonijiet tal-Perit Philip Grech. Ix-xhud qal li hu u l-konvenut l-ieħor qatt ma aċċettaw li saru żbalji fil-kontijiet maħruġa mill-Perit Grech. Dan ġie kkonfermat ukoll minn **Christian Pisani** fl-*affidavit* tiegħu, li qal li hu u l-kuntrattur l-ieħor qatt ma aċċettaw li sar żball fil-kontijiet li nħarġu. Dan ix-xhud qal ukoll li huma qatt ma kienu involuti fit-trattattivi li għamel il-Perit Grech biex wasal għall-ftehim li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-kawża.

11. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, il-konvenut Emanuel Pisani ikkonferma li l-Perit Grech qatt ma kellu xi pretensjoni kontra l-konvenuti dwar it-travu.

## **Is-Sentenza Appellata**

12. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li laqgħet limitatament it-talba tal-atturi, b'dan illi kkundannat lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef, tliet mija u żewġ Euro u sbatax-il ċenteżmu (€6,302.17), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Il-Fatti***

*6. Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:*

*i. Fit-8 ta' Novembru, 1999, il-konvenuti Christian Pisani u Emmanuel Pisani kienu ġew inkarigati minn Pierre George u Anna konjuġi Grech sabiex jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni f'sit ġewwa Ħ'Attard proprjetà tal-imsemmija konjuġi Grech. Il-konjuġi Grech kienu nkarigaw ukoll lill-attur il-perit Philip Grech sabiex jissorvelja dawn ix-xogħlijiet u jagħti struzzjonijiet lill-konvenuti sabiex il-binja ssir skont id-disinji approvati (fn. 2 ara l-ftehim datat 8 ta' Novembru, 1999 a fol. 30 tal-proċess). Il-proġett kien jikkonsisti fil-bini ta'* detached villa with pool. Ground and first floors with underlying basement including garage. *(fn. 3 ara l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar a fol. 34 tal-proċess)*

*ii. Wara li l-konvenuti kienu kkompletaw il-kostruzzjoni tal-livell sotterran u l-livell terran, qamu diversi kwistjonijiet bejn Pierre George u Anna konjuġi Grech u l-attur, fosthom għaliex wara li l-konjuġi Grech kienu inkarigaw perit ieħor, u ċioe lill-Perit Philip Azzopardi, dan kien ikkonkluda li l-konjuġi Grech kienu għamlu ħlasijiet żejda lill-konvenuti, li kienu saru xi xogħlijiet żejda fil-binja u li parti mix-xogħlijiet kienu saru b'mod ħażin u għalhekk mhux skont is-sengħa u l-arti.*

*iii. B'konsegwenza ta' dan id-diżgwid, fit-12 ta' Ġunju, 2002 l-attur għarraf lill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar li huwa ma kienx għadu l-perit responsabbli mill-proġett. (fn. 4 ara l-ittra datata 12 ta' Ġunju, 2002, a fol. 37 tal-proċess)*

*iv. Sussegwentement Pierre George u Anna konjuġi Grech kienu intavolaw proċeduri fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-konfront tal-partijiet kollha f'din il-kawża (Ċitazzjoni numru 146/03 GC fl-ismijiet Pierre George Grech et vs Perit Philip Grech et), fejn talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-partijiet f'din il-kawża jħallsuhom lura dawk il-ħlasijiet żejda li huma kienu għamlu, u wkoll sabiex iħallsuhom tal-ħsarat kollha sofferti minnhom b'konsegwenza ta' dawn ix-xogħlijiet. (fn. 5 ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Mejju, 2017 a fol. 192 tal-proċess).*

*v. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħatret lill-perit tekniku Godwin Abela li kien ħejja relazzjoni li kopja tagħha ġiet esebita f'dawn il-proċeduri mill-istess perit tekniku. Minn din ir-relazzjoni jirriżulta li fit-tieni konklużjoni tiegħu l-Perit Godwin Abela kien ikkonkluda hekk:*

*"*(ii) illi fl-opinjoni tiegħu, fil-kejl li sar u fil-kontijiet li nħarġu mill-konvenut Perit Philip Grech a bażi ta' dan il-kejl kien hemm ħlas żejjed li għamel l-attur li jammonta għal LM2,036.56 fil-basement u LM316.07 għall-ewwel sular; is-somma totali ta'

LM2,352.63 trid titħallas lura lill-atturi kif ukoll id-dritt professjonali tal-perit fuq din is-somma." *(fn. 6 ara r-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela a fol. 88 tal-proċess)*

*vi. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri u preċiżament fil-15 ta' Diċembru, 2004, Pierre George u Anna konjuġi Grech u l-atturi odjerni kienu laħqu ftehim li permezz tiegħu l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech is-somma ta' LM3,850 "*a saldu u sodisfazzjon totali ta' kull pretensjoni li huma għandhom dwar ħlas żejjed lill-kuntratturi, drittijiet professjonali lill-Perit Philip Grech u VAT relattiv u drittijiet professjonali u VAT relattiv imħallsa lill-perit Philip Azzopardi, u imgħax relattiv." *In vista ta' dan il-ħlas, Pierre u Anna konjuġi Grech issurrogaw lill-atturi odjerni u ċioe lill-Perit Philip Grech u martu Louisa Grech, fid-drittijiet tagħhom kontra l-konvenuti. (fn. 7 ara l-iskrittura datata 15 ta' Diċembru, 2004 a fol. 2 tal-proċess) In oltre, Pierre George u Anna konjuġi Grech obbligaw ruħhom li jċedu u jirtiraw it-talba tagħhom fil-kawża (Ċitazzjoni numru 146/03 GC) relattiva għal ħlas lura tal-ammonti żejda mħallsa minnhom, xi ħaġa li jirriżulta effettivament għamlu.*

*vii. Ġurnata wara li ġiet iffirmata din l-iskrittura, l-atturi intavolaw il-proċeduri odjerni.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*7. It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u ċioe dik tal-preskrizzjoni, ġiet miċħuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' Novembru, 2007, u fejn il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu. L-ispejjeż in konnessjoni ma' din l-eċċezzjoni ġew riservati għal ġudizzju finali.*

*8. Għalhekk jifdal illi jiġu trattati u deċiżi l-ewwel eċċezzjoni preliminari u t-tielet eċċezzjoni li tikkonċerna l-meritu.*

*<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – is-Surroga ma saritx skont il-liġi</u>*

*9. B'din l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu illi huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li jsostnu li ladarba l-atturi odjerni kienu huma nfushom konsidrati bħala debituri tal-ammont pretiż minn Pierre George u Anna konjuġi Grech fil-kawża li dawn kienu intavolaw kontra l-partijiet kollha fil-proċeduri odjerni, allura huma ma jistgħux jitqiesu bħala t-terz li jaffettwa pagament b'surroga kif kontemplat fil-liġi.*

*10. Il-Qorti tibda billi tosserva illi permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jeżerċitaw id-dritt ta' rivalsa li jippretendu li għandhom fil-konfront tal-konvenuti sabiex jirkupraw pagament magħmul minnhom lil Pierre u Anna konjuġi Grech u dan abbażi tal-fatt li l-atturi jikkontendu li dan il-pagament kellu jsir mill-konvenuti u mhux minnhom. L-atturi irnexxielhom jippruvaw permezz tal-iskrittura datata 15 ta'*

*Diċembru, 2004 esebita minnhom mal-att promutur illi effettivament huma għamlu dan il-ħlas. Fuq kollox, lanqas jidher li l-konvenuti qegħdin jikkontestaw il-fatt illi l-atturi ħallsu dan l-ammont. Permezz tal-istess skrittura jirriżulta li l-atturi ġew surrogati fid-drittijiet ta' Pierre u Anna konjuġi Grech li assenjaw lill-atturi "*... drittijiet tagħhom kollha li huma għandhom jew li jista' jkollhom kontra l-kontratturi konvenuti l-oħra fiċ-ċitazzjoni, dwar il-ħlas żejjed minnhom magħmul lill-istess kuntratturi kif qabel imsemmi u danni konsegwenzjali". (*fn. 8 ara l-iskrittura datata 15 ta' Diċembru, 2004 a fol. 2 tal-proċess)*

*11. Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili jikkontempla erba' ċirkostanzi li fihom is-surroga ssir ipso jure favur min ħallas id-dejn ta' wieħed ieħor. Is-sub-inċiż (ċ) ta' dan l-artikolu jiddisponi li s-surroga ssir* ipso jure *favur "*ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu." *Fil-fehma ta' din il-Qorti dan is-sub-inċiż huwa ċar u jipprovdi għal ċirkostanzi fejn, bħal ma ġara f'dan il-każ, debitur ta' obbligazzjoni iħallas dejn li kien dovut minnu flimkien ma' debituri oħra għaliex dak id-debitur li jeffettwa l-ħlas ikollu interess li jħallas. Għalhekk jirriżulta li s-surroga saret b'mod ġenerali bis-saħħa tal-liġi wkoll.*

*12. Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, huwa evidenti li l-kontestazzjoni tal-konvenuti għas-surroga magħmula minn Pierre u Anna konjuġi Grech favur l-atturi odjerni m'għandha ebda fundament legali. Il-fatt li l-atturi odjerni kienu konsidrati bħala debituri fil-kawża li t-terzi kredituri kienu intavolaw kawża kontra l-partijiet fil-proċeduri odjerni bl-ebda mod ma hija ta' ostaklu għas-surroga li saret favur l-atturi. Anzi tali ċirkostanza hija espressament prevista mill-Artikolu 1166 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili.*

*13. Konsegwentement din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda.*

*<u>Il-Mertu</u>*

*14. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jikkontendu li huma ma għandhom iħallsu xejn mill-ammont pretiż u dan peress illi huma tħallsu dak li kellu jitħallas lilhom għax-xogħol minnhom eżegwit.*

*15. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-konvenut Christian Pisani u Emmanuel Pisani kienu ġew inkarigati minn Pierre George u Anna konjuġi Grech sabiex jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni fil-proprjetà tal-konjuġi Grech ġewwa Ħ'Attard. Dan l-inkarigu ingħata lill-konvenuti permezz ta' skrittura datata 8 ta' Novembru, 1999 u li fiha ġie inter alia maqbul li l-ħlas lill-konvenuti kellu jsir mill-konjuġi Grech abbażi ta' kontijiet maħruġa mill-attur wara l-kejl ta' kull sular imsaqqaf. (fn. 9 ara l-ftehim datat 8 ta' Novembru, 1999 a fol. 30 tal-proċess) Jirriżulta li sar kejl mill-attur meta tlesta l-livell sotterran u kejl ieħor meta tlesta l-livell terran. Abbażi ta' dan il-kejl, l-attur ħareġ żewġ kontijiet liema kontijiet ġew imħallsa mill-konjuġi Grech. Wara li saru dawn il-*

*ħlasijiet qam diżgwid bejn il-konjuġi Grech u l-attur, fejn waħda mill-kwistjonijiet kienet tirrigwarda l-ammont ta' dawn il-kontijiet. Għalhekk il-konjuġi Grech kienu inkarigaw lill-perit Philip Azzopardi li wara li għamel kejl mill-ġdid kien ikkonkluda li l-konjuġi Grech kienu għamlu ħlasijiet żejda lill-konvenuti. Dawn l-allegati ħlasijiet żejda kienu jifformaw parti mit-talbiet magħmula mill-konjuġi Grech fil-kawża li huma intavolaw kontra l-partijiet kollha fil-kawża odjerna. Dawn it-talbiet ġew sussegwentement ċeduti wara li l-konjuġi Grech kienu tħallsu mill-atturi l-ammont minnhom pretiż, u dan kif jirriżulta mill-iskrittura datata 15 ta' Diċembru, 2004.*

*16. L-attur xehed illi wara li kienet ġiet intavolata l-kawża kontrih u kontra l-konvenuti l-oħra, kien induna li kien hemm żball kbir fil-kont li huwa kien ħareġ relattiv għal-livell sotterran u dan peress li l-istess attur jammetti li hu kien applika "*rata ħażina fil-ħitan, u allura ġew magħduda darbtejn". *Spjega li wara trattattivi bejnu u l-konjuġi Grech kien intlaħaq ftehim dwar dan l-iżball, it-taxxi u l-ħlasijiet magħmula mill-konjuġi Grech lill-Perit Philip Azzopardi għas-servizzi professjonali tiegħu, u kien għalhekk li l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech is-somma ta' LM3,850. (fn. 10 ara l-affidavit tal-attur a fol. 80 tal-proċess).*

*17. Da parti tagħhom, il-konvenuti xehdu li huma dejjem segwew l-istruzzjonijiet tal-attur fil-binja li ġew inkarigati biex jibnu. Qalu li huma qatt ma aċċettaw li saru żbalji fil-kontijiet maħruġa mill-attur u li huma qatt ma kienu parti mit-trattattivi li wasslu għall-iffirmar tal-iskrittura datata 15 ta' Diċembru, 2004. (fn. 11 ara l-affidavit ta' Emmanuel Pisani a fol. 161 tal-proċess u l-affidavit ta' Christian Pisani a fol. 164 tal-proċess). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jargumentaw ukoll li l-Perit Philip Azzopardi ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk l-atturi naqsu milli jissodisfaw l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqhom. (fn. 12 ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol. 186 tal-proċess)*

*18. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi illi "*Il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib". *L-artikolu 562 imbagħad jippreskrivi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah." *Kien għalhekk jispetta lill-atturi li jipprovaw sodisfaċentement sal-grad meħtieġ fil-kamp ċivili illi l-ħlas magħmul minnhom lill-konjuġi Grech kien jirrappreżenta ħlas żejjed li l-istess konjuġi Grech kienu għamlu lill-konvenuti. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna li għad-differenza ta' dak rikjest fi proċediment kriminali, il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili jrid ikun tali li jikkonvinċi lill-ġudikant fuq bażi ta' probabbilità li l-pretensjoni tal-parti attriċi tirriżulta mill-atti.*

*19. F'dan il-każ, huwa minnu li kif jissottomettu l-konvenuti l-perit Philip Azzopardi ma tressaqx bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Madanakollu l-Qorti tosserva li kienu l-*

*konvenuti li permezz ta' nota ppreżentata minnhom stess esebew fl-atti ta' din il-kawża kopja ta' żewġ dokumenti intitolati* measurements of works *u* comparative analysis between bill of Perit Grech and bill of Perit Azzopardi *rilaxxati mill-istess Perit Philip Azzopardi. (fn. 13 ara n-nota tal-konvenuti datata 5 ta' Diċembru, 2005 a fol. 29 tal-proċess u d-dokumenti D u E annessi magħha rispettivament a fol. 39 u 47 tal-proċess). Id-dokument esebit mill-attur a fol. 56 tal-proċess, huwa identiku għad-dokument* measurement of works *esebit mill-konvenuti. Fid-dawl ta' dan, jistona l-argument tal-konvenuti li dawn id-dokumenti ma ġewx ikkonfermati mill-perit li rrediġihom partikolarment meta wieħed iqis li kienu l-istess konvenuti li esebewhom. Jekk il-konvenuti kellhom xi riservi dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, huwa kellhom iżommu lura milli jeżebuhom jew inkella jindikaw ir-riservi tagħhom fin-nota li permezz tagħha esebew l-istess dokumenti. Il-konvenuti dan m'għamluhx u għalhekk ma jistgħux issa, fi stadju ta' trattazzjoni, jikkontestaw l-awtentiċità ta' dokumenti li esebew huma stess.*

*20. Aktar minn hekk, il-fatt li kien sar ħlas żejjed da parti ta' Pierre George u Anna konjuġi Grech ma tirriżultax biss mix-xhieda tal-attur u mid-dokumenti rilaxxati mill-perit Philip Azzopardi, iżda dan il-fatt ġie kkonfermat mill-perit Godwin Abela maħtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża li l-konjuġi Grech kienu intavolaw kontra l-partijiet fil-kawża odjerna. Fir-relazzjoni tiegħu l-perit Abela kien ikkonkluda li fil-kontijiet maħruġa mill-attur kien hemm żball li wassal għal ħlas żejjed ta' LM2,036.56 fil-livell sotterran u LM316.07 għall-ewwel sular, li flimkien jagħmlu s-somma totali ta' LM2,352.63. Il-Perit Abela ikkonkluda wkoll li d-drittijiet professjonali tal-attur fuq din is-somma wkoll kellhom jitħallsu lura lill-konjuġi Grech. (fn. 14 ara r-relazzjoni tal-perit Godwin Abela a fol. 88 tal-proċess).*

*21. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-atturi irnexxielhom jippruvaw illi l-konjuġi Grech kienu għamlu ħlas żejjed lill-konvenuti, u li l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech dan il-pagament abbażi tal-iskrittura tal-15 ta' Diċembru, 2004.*

*22. Permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jippretendu li jitħallsu lura s-somma ta' LM3,576. Fl-att promutur l-atturi indikaw li din is-somma tinkludi in kwantu għal LM2,980 bħala ammont żejjed imħallas lill-konvenuti mill-konjuġi Grech u in kwantu għal LM596 bħala imgħax fuq l-istess ammont. Fl-affidavit addizzjonali tiegħu, l-attur jispjega d-diskrepanza bejn is-somma ta' LM2,352.63 indikata mill-perit Godwin Abela u s-somma pretiża minnu u minn martu f'din il-kawża billi jgħid li fil-kalkoli tiegħu l-Perit Abela eskluda s-segwenti somom, u ċioe:*

*i. it-taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta' 15%;*
*ii. is-somma ta' €1,075.31 li tirreferi għal basement taħt il-livell tal-qatran;*

*iii. is-somma ta' €1,402.19 bħala imgħax bir-rata ta' 5% għal erba' snin imħallsa mill-atturi lill-konjuġi Grech;*
*iv. is-somma ta' €563.71 li tħallas il-perit Philip Azzopardi għas-servizz professjonali tiegħu, u*
*v. is-somma ta' €69.42 li kienu tħallsu lill-attur u li kellhom jiġu rifużi lura lill-konjuġi Grech.*

*23. Il-Qorti tosserva li l-fatt li s-somma indikata mill-perit Godwin Abela ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur miżjud ġie kkonfermat mill-istess perit Abela fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti. (fn. 15 ara x-xhieda tal-perit Godwin Abela a fol. 86 tal-proċess). B'żieda ma' dan, mid-dokument immarkat bħala Dok. A u anness mal-iskrittura tal-15 ta' Diċembru, 2004 jirriżulta li l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech is-somma ta' LM388.70 bħala VAT bir-rata ta' 15%. (fn. 16 ara Dok. A a fol. 7 tal-proċess). Madankollu l-Qorti tosserva wkoll li f'dan id-dokument jirriżulta li s-*sum agreed paid in excess *ġiet indikata s-somma ta' LM2,591.30 u mhux is-somma ta' LM2,352.63 indikata mill-perit Godwin Abela. Għalhekk il-Qorti ser tillimita l-ammont ta' VAT imħallas mill-atturi ikkalkolat bir-rata ta' 15% fuq is-somma ta' LM2,352.63 u mhux fuq is-somma ta' LM2.591.30, liema kalkolazzjoni tammonta għal LM352.89.*

*24. In oltre, il-Qorti ma tqisx li l-ammonti l-oħra pretiżi mill-atturi huma dovuti mill-konvenuti. Mill-atti ma jirriżultax li l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech somma ulterjuri fl-ammont ta' €1,075.31 kif pretiż minnhom. Il-konvenuti lanqas għandhom jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €563.71 imħallsa lill-perit Philip Azzopardi u dan peress li fuq ammissjoni tal-istess attur, il-ħlas żejjed kien sar abbażi ta' żball tiegħu u għalhekk il-ħtieġa li l-konjuġi Grech jinkarigaw lill-perit Philip Azzopardi sabiex jagħmel kejl mill-ġdid kienet dovuta għal nuqqas tal-istess attur.*

*25. Il-Qorti ser tapplika l-istess konsiderazzjoni għal dak li jirrigwarda s-somma pretiża bħala imgħax bir-rata ta' 5% għal erba' snin imħallsa mill-atturi lill-konjuġi Grech. Fl-affidavit tiegħu l-attur xehed li "*F'Mejju tas-sena 2003 hekk kif infetħet il-kawża li għadni kif semmejt, intbaħt waħdi fejn kien hemm żball f'kont tal-basement tal-konjuġi Grech minħabba li kont applikajt rata ħażina fil-ħitan, u allura ġew magħduda darbtejn." *(fn. 17 ara l-affidavit tal-attur a fol. 80 tal-proċess) Għalhekk jirriżulta li qabel din id-data, il-konvenuti ma setgħu qatt iħallsu lill-konjuġi Grech s-somma li eventwalment ġiet imħallsa lilhom mill-atturi, u dan peress li l-attur li kien ikkommetta l-iżball kien għadu lanqas intebaħ fejn kien sar l-iżball. Mill-atti ma jirriżultax li wara din id-data l-atturi kienu interpellaw lill-konvenuti permezz ta' att ġudizzjarju sabiex jersqu għall-ħlas ta' tali somma, u għaldaqstant din il-parti tat-talba attriċi ser tiġi miċħuda.*

*26. Naturalment lanqas jista' l-attur jippretendi li jitħallas lura s-somma ta' €69.42 stante li dan kien ħlas żejjed li rċieva l-attur stess u mhux il-konvenuti.*

*27. Konsegwentement, it-talba attriċi ser tiġi milqugħa limitatament għas-somma ta' LM2,352.62 indikata mill-perit Godwin Abela bħala ħlas żejjed magħmul mill-konjuġi Grech lill-konvenuti u wkoll għas-somma ta' LM352.89 bħala taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta' 15% fuq tali somma. Dawn iż-żewġ somom flimkien jammontaw għas-somma komplessiva ta' LM2,705.52 ekwivalenti għal €6,302.17.*

*28. Fl-avviż, l-atturi talbu ukoll l-imgħax legali fuq l-ammont minnhom pretiż mill-15 ta' Diċembru, 2004, ċioe mid-data tal-iskrittura privata bejnhom u bejn Pierre George u Anna konjuġi Grech. Però, kif diġà ingħad, ma jirriżultax li wara li ġiet iffirmata din l-iskrittura, l-atturi interpellaw lill-konvenuti permezz ta' att ġudizzjarju biex iħallsu l-ammont minnhom pretiż. Għaldaqstant, fl-aħjar ipotesi għall-atturi l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviż.*

*29. Però, skont l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna, il-prinċipju li ma jgħaddux interessi fejn is-sejħa ma tkunx waħda għall-ħlas ta' ammont likwidu, ċert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirriżulta li tkun waħda valida b'mod li jkun ċar li d-debitur mhux biss ikun ġustifikat li ma jħallasx dak li jkun ġie intimat biex iħallas imma wkoll li jkun diffiċli jekk mhux impossibbli għalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-kawża u sakemm din issir.*

*30. Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'il fuq, il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-każ odjern kien impossibbli għall-konvenuti li jkunu jafu l-ammont dovut mingħajr investigazzjoni ġudizzjarja. Huwa relevanti wkoll il-fatt li l-ammont likwidat minn din il-Qorti huwa sostanzjalment inferjuri minn dak pretiż mill-atturi fl-avviż tagħhom. (fn. 18 ara s-sentenzi* ***Anthony Buhagiar vs Edward Scerri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001 u* ***Dr Simon Micallef Stafrace nomine vs James Gollcher et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Konformement ma' dan l-insenjament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.*

***Konklużjoni***

*31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda:*

*1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;*
*2. Tilqa' limitatament it-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef, tliet mija u żewġ euro u sbatax-il ċenteżmu (€6,302.17), bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tas-sentenza parzjali tal-5 ta' Novembru, 2007, għandhom jiġu subiti mill-konvenuti, solidalment bejniethom."*

## L-Appell

13. Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-atturi spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u għalhekk permezz tal-appell imressaq minnhom fil-15 ta' Ġunju, 2021, huma talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata, billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma kollha mitluba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom. Fl-aggravji tagħhom l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti, fuq apprezzament tal-fatti aċċertati u imsemmija minnha fis-sentenza appellata, waslet għal konklużjoni li mhix fondata fil-fatti; kif ukoll li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament legali żbaljat tal-prinċipji li jirregolaw l-istitut tal-imgħax.

14. L-appellanti spjegaw li l-Ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet dik il-parti tat-talba sorretta mir-rapport tal-Perit Godwin Abela, li kien ġie esebit in atti u li ġie kkonfermat mill-istess perit, ċaħdet il-parti l-kbira tal-bqija tat-talba, ħlief għal dik il-parti tal-bqija tat-talba li tirreferi għat-taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta' 15% , però fuq somma iżgħar minn dik pretiża mill-atturi. Hawn l-appellanti għamlu riferiment għall-paragrafi 22 sa 26 tas-sentenza appellata. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti stess tgħid, li fl-*affidavit* addizzjonali tiegħu, l-attur jispjega d-diskrepanza bejn is-somma ta' LM2,352.63 indikata mill-Perit Godwin Abela u s-somma pretiża minnu u minn martu f'din il-kawża. L-appellanti qalu li fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għat-tielet eċċezzjoni mressqa mill-

konvenuti, u b'mod partikolari fejn l-istess konvenuti jallegaw li l-appellanti ma ressqux prova tal-ammonti pretiżi minnhom, u jiċċitaw il-paragrafu 21 tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn jintqal li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-konjuġi Grech kienu għamlu ħlas żejjed lill-konvenuti, u li l-atturi ħallsu lill-konjuġi Grech dan il-pagament abbażi tal-iskrittura tal-15 ta' Diċembru, 2004. L-appellanti jgħidu li l-bażi tal-iskrittura privata in kwistjoni kien ir-rapport tal-Perit Philip Azzopardi, li ġie inkarigat mill-konjuġi Grech sabiex jiċċertifika l-ħlasijiet żejda magħmula mill-konjuġi Grech, lill-konvenuti fil-kawża odjerna, wara li l-appellant b'irġulija kbira assuma r-responsabbilità għall-iżbalji li saru, u issa qiegħed jipprova jirkupra mingħand l-appellati l-pagamenti żejda li saru. L-appellant qal li dwar rapport tal-Perit Philip Azzopardi, l-Ewwel Qorti stess tikkummenta fit-tul fil-paragrafu 19 tas-sentenza appellata, u kważi kważi tiċċensura lill-appellati għaliex filwaqt li huma stess esebew l-imsemmi rapport tal-perit, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom huma jikkontestaw l-awtentiċità tiegħu. L-appellanti qalu li l-appellati tħallsu żejjed ammont mhux dovut, li spiċċaw ħallasu għalih l-appellanti, u issa l-appellati qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex ma jirrifondux dak li huma tħallsu żejjed. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkundanna lill-appellati jħallsu imgħax, għallinqas fuq dawk l-*items* li l-Ewwel Qorti qalet li huma dovuti, u minflok l-appellati ġew ordnati jirrifondu biss parti mill-ħlas żejjed li sar.

15. L-appellanti qalu li għalhekk kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta fil-paragrafu 24 tas-sentenza qalet li ma jirriżultax kif il-konjuġi Grech ħallsu somma ulterjuri ta' €1,075.31 kif pretiż minnhom, meta din is-somma u somom oħra li l-perit appellant jispjega fl-*affidavit* addizzjonali tiegħu u li ma kinux ġew

aċċertati mill-Perit Godwin Abela, jirriżultaw mill-iskrittura tal-15 ta' Diċembru, 2004, kif aċċerta l-Perit Philip Azzopardi, u kif maqbul bejn l-appellanti u dawk li kienu l-klijenti tiegħu. L-appellanti qalu li fuq din is-somma, irid jiżdied il-VAT bil-15%.

16. L-appellanti għamlu riferiment għall-imgħax ta' €1,402.19, kif maqbul mal-konjuġi Grech, liema flus ibbenefikaw minnhom l-appellati, imma il-ħlas lill-konjuġi Grech sar mill-appellanti. Qalu li l-fatt li qabel inbdiet il-kawża, l-appellati ma ġewx interpellati għal dan l-ammont mill-appellanti, ma jbiddel xejn, għaliex l-appellati ma kinux ser iħallsu in kwantu kienu qegħdin jikontestaw il-pretensjonijiet tal-appellanti fl-intier tagħhom. L-appellanti żiedu jgħidu illi, l-konjuġi Grech kellhom dritt jaġixxu kontra l-appellati u jitolbu imgħax fuq l-ammonti kollha mħallsa minnhom, li ma kienx għas-surroga li permezz tagħha l-appellanti daħlu fiż-żarbun tal-konjuġi Grech. Qalu illi ladarba l-Ewwel Qorti aċċettat dik l-iskrittura privata bħala prova, fir-rigward tad-drittijiet li kienu jgawdu l-konjuġi Grech, l-Ewwel Qorti kellha tara jekk fil-fatt il-pretensjonijiet tal-appellanti kinux kompatibbli mad-drittijiet li kienu jgawdu l-konjuġi Grech.

17. Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jagħmlu riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili, u jsostnu li l-obbligazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri hija ta' natura kummerċjali *ai termini* tal-paragrafu (g) tal-artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-appellanti jgħidu li r-regola li titnissel mill-artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 hija waħda assoluta, u dan kif jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti u d-dottrina li jittrattaw din ir-regola. L-appellanti komplew jgħidu li l-Ewwel Qorti laqgħet għadd ta' pretensjonijiet avvanzati

minnhom, liema pretensjonijiet jirriżultaw minn diversi *items* separati li l-appellati kienu jafu bihom, tant hu hekk li huma stess esebew kopja tar-rapport tal-perit Philip Azzopardi li kien il-bażi tal-iskrittura privata tal-15 ta' Diċembru, 2004, li wasslet għall-kawża odjerna. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti laqgħet ftit inqas minn 75% tal-pretensjonijiet tagħhom, u anki f'każ li l-appellati jippruvaw jargumentaw li l-Ewwel Qorti akkordat inqas mis-somma mitluba, dan il-fatt huwa irrilevanti għaliex hawn *si tratta* ta' imgħax kummerċjali. Żiedu jgħidu li bħala fatt, numru ta' *items* li l-appellati kienu jafu bihom fid-dettall, ġew aċċettati fl-intier tagħhom, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex tikkonsidra li l-imgħax beda jiddekorri mid-data ta' meta sar il-ħlas, jew għall-inqas mid-data tan-notifika tal-avviż promutur.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati wieġbu li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-imgħax legali jiddekorri biss mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data meta ġiet eżegwita l-obbligazzjoni privata bejn l-appellanti u Pierre George u martu Anna Grech, skont l-iskrittura tal-15 ta' Diċembru, 2004. Qalu li meta l-appellanti ċċitaw fir-rikors tal-appell tagħhom l-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili, sabiex jagħmlu l-argument li minflok mill-15 ta' Diċembru, 2004, l-imgħax kellu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita, jiġifieri mid-9 ta' April, 2013, li hija d-data tal-ittra uffiċjali, huma naqsu milli japprezzaw il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti. L-appellati qalu li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida l-ammont dovut għaliex is-sitwazzjoni f'dan il-każ ma kinitx ċara, u l-ammont dovut kellu jiġi stabbilit u ċċarat. Qalu li f'dan il-każ,

l-ispejjeż ma kienu xejn likwidi, ċerti u determinati, u dan l-aktar għaliex l-Ewwel Qorti rriteniet li l-ammonti likwidati ma jammontawx għal dak li l-appellanti ħasbu li kien dovut lilhom. Fost is-sottomissjonijiet tal-appellati, bażati fuq il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ingħad li debitur ma jistax jiġi penalizzat għaliex ma jkunx f'pożizzjoni li jħallas dak pretiż mill-kreditur, għaliex dan tal-aħħar ikun ippretenda ammont li ġudizzjarjament jirriżulta li ma kienx dovut. L-appellati jgħidu li skont l-Ewwel Qorti kien impossibli għall-appellati li jkunu jafu kemm huwa l-ammont dovut minnhom mingħajr investigazzjoni ġudizzjarja, u l-ammont likwidat mill-Qorti huwa sostanzjalment inqas minn dak pretiż mill-appellanti fl-avviż tagħhom.

19. L-appellati qalu wkoll li huma qatt ma rrifjutaw li jħallsu dak dovut minnhom minħabba ħsarat attwalment ikkaġunati minnhom, iżda l-ispejjeż tal-Perit Philip Azzopardi tnaqqsu mis-somma totali dovuta minnhom, għaliex il-ħlas żejjed kien sar abbażi ta' żball tal-Perit Grech. L-appellati qalu li trid tintuża d-diliġenza fl-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe obbligazzjoni, u din id-diliġenza trid tkun ta' *bonus paterfamilias,* stante li min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja jitqies li huwa fi ħtija dwar l-għemil tiegħu. Qalu li l-appellant naqas milli jeżegwixxi xogħlu bħala *bonus paterfamilias* stante li naqas milli jagħmel konteġġi tajbin, liema skorrettezzi aggravaw is-sitwazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tar-risposta tal-appellati.

*L-ewwel aggravju:* *[l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-fatti]*

21. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fil-komputazzjoni li għamlet tal-amont ta' flus li għandu jitħallas lilhom mill-appellati. Il-Perit Grech qal li fl-*affidavit* tiegħu huwa spjega d-diskrepanza bejn is-somma ta' LM2,352.63 indikata mill-Perit Godwin Abela fir-rapport tiegħu li huwa ppreżenta fi proċeduri separati li l-konjuġi Pierre George u Anna Grech istitwew kontra l-Perit Philip Grech u martu, flimkien mal-VAT bir-rata ta' 15%, u l-ammont pretiż mill-appellanti fil-proċeduri odjerni. Kompla jgħid li fil-każ odjern l-Ewwel Qorti għamlet żball fil-mod kif ikkomputat l-imgħaxijiet dovuta mill-appellati, kif ukoll meta naqset milli tikkonsidra l-ħlas ta' €1,075.31 li jirriżulta kemm mill-*affidavit* tal-appellant, kif ukoll mill-iskrittura privata tal-15 ta' Diċembru, 2004.

22. Il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-atturi kienet għall-ħlas ta' LM3,576 (ekwivalenti għal €8,329.84), li l-appellanti jgħidu li ħallsu lil Pierre George u Anna konjuġi Grech, flimkien ma' LM596 (ekwivalenti għal €1,388.31) imgħaxijiet fuq dan l-ammont. L-appellanti spjegaw li l-konjuġi Grech kienu għamlu ħlas żejjed minħabba kejl ħażin li għamel l-istess Perit Grech, u l-Perit Grech u martu kienu ħallsu l-ammont ta' LM3,850 (ekwivalenti għal €8,968.09) lill-konjuġi Grech għas-saldu u sodisfazzjon totali ta' kull pretensjoni dwar ħlas żejjed li sar lill-kuntratturi appellati.

23. L-Ewwel Qorti qagħdet fuq ir-rapport tal-Perit Godwin Abela sabiex waslet għal-likwidazzjoni tagħha, liema rapport kien sar fuq inkarigu tal-Qorti fi

proċeduri separati li l-konjuġi Grech istitwew kontra l-Perit Grech u martu. Il-Perit Abela stabbilixxa li l-ħlas żejjed mill-konjuġi Grech kien jammonta għal LM2,036.56 għal-livell sotterran, u LM316.07 għall-ewwel sular, sabiex b'hekk it-total tal-ħlasijiet żejda kien jammonta għal LM2,352.63 (ekwivalenti għal €5,480.15). L-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-appellati għandhom iħallsu VAT bir-rata ta' 15% fuq dan l-ammont hekk likwidat (LM352.89), iżda l-Qorti ddeċidiet ukoll li mill-atti ma rriżultax li l-appellanti ħallsu l-ammont ta' €1,075.31 kif pretiż minnhom, u li l-appellati m'għandhomx ikunu kkundannati jħallsu l-ammont ta' €563.71 li tħallsu lill-Perit Azzopardi in segwitu għal żball tal-appellant, il-Perit Grech. L-Ewwel Qorti qalet li ma nġabet l-ebda prova mill-appellanti, l-atturi quddiem l-Ewwel Qorti, li dawn ħallsu l-ammont ta' €1,075.31, għalkemm mill-*affidavit* tal-Perit Grech jirriżulta li dan l-ammont tħallas għall-ħitan tal-*basement* ta' taħt il-livell tal-qatran. Dan il-ħlas jirriżulta wkoll mill-iskrittura privata li saret bejn l-appellanti f'din il-kawża u l-konjuġi Grech, li taw l-inkarigu lill-partijiet f'dawn il-proċeduri, u li resqu għall-iffirmar tal-iskrittura privata mal-Perit Grech sabiex jittransiġu l-pendenzi litiġjużi li kien hemm bejniethom. Din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tiddubita mill-veraċità tal-istqarrijiet li saru fuq dik l-iskrittura privata tal-15 ta' Diċembru, 2004, u dan għaliex tali skrittura saret sabiex inġabu fi tmiemhom proċeduri legali li l-konjuġi Grech fetħu kontra l-Perit Grech u martu, u li sussegwentement wasslu biex infetħu l-proċeduri odjerni bejn il-partijiet. Huwa minnu li l-Perit Godwin Abela ma inkludiex dan l-ammont fir-rapport tiegħu, iżda l-Qorti hija tal-fehma li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Perit Grech dwar id-diskrepanza bejn il-pretensjonijiet tiegħu, ibbażati fuq il-ħlas li sar minnu u minn martu lill-konjuġi Grech, u l-konklużjonijiet tal-Perit Abela, hija suffiċjenti sabiex din il-Qorti tkun tista' tillikwida l-ammont li għandu

jitħallas mill-appellati. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ammont li l-appellati għandhom iħallsu lill-appellanti huwa ta' €5,480.15 + €1075.31, bil-VAT bir-rata ta' 15% fuq dan l-ammont, għal total ta' **€7,538.78.**

*It-tieni aggravju:* *[apprezzament legali żbaljat tal-prinċipji li jirregolaw l-istitut tal-imgħax]*

24. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tagħha, u dan għaliex fil-fehma tagħha kien impossibbli għall-appellati li jkunu jafu kemm huwa l-ammont dovut mingħajr investigazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll wara li kkonsidrat li l-ammont likwidat huwa sostanzjalment inferjuri għal dak pretiż mill-appellanti fl-avviż tagħhom.

25. L-appellanti jagħmlu riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex isostnu li l-imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. L-appellati min-naħa tagħhom wieġbu li f'dan il-każ l-ammont dovut ma kienx ċert, likwidu u dovut, stante li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel komputazzjoni hi tal-ammont li kellu jitħallas minnhom, kif ukoll li huma qatt ma rrifjutaw li jħallsu dak dovut minnhom, iżda rrifjutaw li jħallsu ammonti li kienu dovuti minħabba żball tal-appellant.

26. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ m'hemm l-ebda dubju li l-obbligazzjoni in kwistjoni hija waħda kummerċjali. Din il-Qorti tagħmel riferiment għal xi sentenzi ta' dawn il-Qrati li waslu għal konklużjoni dijametrikament opposta għal dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, u li qegħdin jippruvaw jaslu għaliha l-appellati fir-risposta tagħhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Sacco *vs.* Peter**

**Muscat Scerri**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2003, ingħad illi huwa aċċettat li meta l-ammont pretiż ikun indikat f'ċitazzjoni jew f'rikors, huwa permissibbli li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri għal dak mitlub, il-Qorti tordna li għandu jiddekorri l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mercieca *vs.* Nobbli S. Testaferrata Moroni Viani et**, tas-16 ta' Diċembru, 1991 (Vol. LXXV P.2 pg. 643), l-Qorti tal-Appell Kummerċjali qalet:

> "Jekk l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallas ammont preċiż u determinat, il-pretiża tal-attur hija għall-ammont ċert u likwidu u l-kontestazzjoni u ċ-ċaħdiet tal-konvenut huma fattur irrilevanti għad-determinazzjoni ta' ċertezza u l-likwidità tal-pretiża tal-attur. U daqstant ieħor huma irrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawża u l-kundanna fis-sentenza għall-ammont anqas minn dak pretiż mill-kreditur attur. Fuq ammont ċert u likwidu li l-kreditur attur avvanza fiċ-ċitazzjoni tiegħu u għal dik il-parti minnu li ġiet sanzjonata mis-sentenza jiddekorru interessi u billi l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummerċjali dawn huma regolati bl-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16."

27. Il-Qorti tirrileva li l-azzjoni hija determinata mit-talba fir-rikors promutur, u l-fatt li l-Ewwel Qorti llikwidat ammont li huwa inqas minn dak pretiż minn min ippropona l-kawża, ma jfissirx li fuq l-ammont ridott akkordat mill-Ewwel Qorti m'għandux jitħallas imgħax skont il-liġi. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu, fis-sens li qed tvarja l-ammont li għandu jitħallas mill-appellati lill-appellanti għall-ammont ta' €7,538.78, bl-imgħax legali fuq dan l-ammont li**

**għandu jitħallas mid-data tan-notifika tal-avviż li ta bidu għall-proċeduri odjerni bejn il-partijiet.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kwantu għal 80% mill-appellati u 20% mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**